MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Numru. 640/2007

Il- Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)

-vs-

Philip D’ Amato
Raymond D’ Amato

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Philip D’Amato ta’ 40 sena, iben il- mejjet Carmelo u Filippa nee’ Camilleri mwieled fil- Pieta’ fl- 1 ta’ Ottubru 1966 u li joqghod fil- fond: Nru. 1, ‘Andrea Flats’, Triq il- Gdida fi Triq il- Gandlora, Zebbug, Malta, detentur tal- Karta ta’ l- identita’ bin- numru 2267(M);

U

Raymond D' Amato ta' 47 sena, iben il mejjet Carmelo u Filippa nee' Camilleri, mwieled Pieta', fit- 12 ta' Novembru 1959 u li joqghod fil- fond: Nru. 3, Alley 5, Triq il- Kbira Zebbug, Malta, detentur tal- karta ta' l- identita bin- numru 764959(M).

Akkuzati talli:

1. F' xi hin bejn is- 27 u d- 29 ta' Lulju 2007, f' Tal-Hlas limiti ta' Hal Qormi ikkommettew serq ta' zewg generaturi wiehed tal- marka 'Robin' mudell 'DY41' bin-numru serjali 1047681, u l- iehor tal- marka 'Huto' mudell 'HG2900' bin- numru serjali 'VH-GCABT1859414', minn go kamra f' ghalqa, liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, u bil- valur li jaqbez l- elf Lira (Lm1000), ghad- dannu ta' Carmelo Fenech mir- Rabat, Malta u/jew persuni ohra;
2. U talli f'l- istess data, lok, hin u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.
3. U talli f'l- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq generatur tal- marka 'Huto' mudell 'HG2900' bin- numru serjali 'VH-GCABT1859414', liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltija (Lm 50), ghad- dannu ta' Carmelo Fenech mir- Rabat, Malta u/jew persuni ohra;
4. U talli: fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara f' tieqa ta' kamra go ghalqa, liema hsara teccedi l- hamsin Lira Maltin (Lm50), ghad- dannu ta' Carmelo Fenech mir-Rabat Malta u/jew persuni ohra;

Rat l-artikoli 261(b) (c), 263, 267, 325(1)(b) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz il-fedina penali ta' l-imputati.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma fil-31 ta' Lulju 2007 fejn l-ufficjal prosekutur iddikjara li l-oggetti misruqa gew ritornati u li l-hsara kawzata tammonta ghal circa hames mitt lira Maltija (Lm500)

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-udjenza mizmuma minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja fil-31 ta' Lulju 2007, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom u konsegwentement l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dan il-proceduri, il-kooperazzjoni mal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati.

Illi pero l-fedina penali ta'l-imputati hija x'aktarx wahda refrattarja ghalkemm r-reati elenkati fil-fedina mhux mill-aktar serji. Ghal xi reati huma kienu nghataw liberta kondizzjonata u ghal ohrajn tpoggew taht ordni ta' *probation*. Jidher li minkejja dan l-imputati ghadhom ma hadux il-lezzjoni u qed jippersistu f'l-agir illegali.

Illi f'dawm ic-cirkostanzi l-Qorti ser ikollha tiehu passi aktar iebsa fil-konfront ta'l-imputati b'dan li taghtihom l-ahhar opportunita sabiex jirriformaw ruhhom.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 261(b) (c), 263, 267, 325(1)(b) u 334 kif ukoll l-artikoli 278(2), 279(b) u

280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal piena ta’ prigunerija ghall-perjodu ta’ erbatax (14) il-xahar liema perjodu, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ sentejn.

In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H tal-Kap 9 il-Qorti qed tordna lill-hatja biex ihallsu lill-parti leza s-somma ta’ hames mitt lira  Maltija (Lm500) fi zmien sitt (6) xhur bhala kumpens ghad-danni.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huma jikkommettu matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta taghhom taht l-artikolu 28H jekk ma jikkonformawx ruhhom ma’ l-ordni ta’ ta’ hlas ta’ kumpens.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------